A.L. 16 ta' l-2004

ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI
(KAP. 445)

ATT DWAR MUŻEWIJIET U MONUMENTI NAZZJONALI
(BILJETTI TA' DĦUL KOMPLESSIVI)
(KAP. 298)

Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet tad-Dħul fil-Mużewijiet, Siti u Kollezzjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, il-Ministru għaż-Żgħażagħ u Kultura bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-sehh.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet tad-Dħul fil-Mużewijiet, Siti u Kollezzjonijiet.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fit-18 ta' Awissu, 2003, ħlief għar-regolament 7 li jibda jseħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali;

"btala pubblika" għandu jkollha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi Oħra; Kap. 252.

"dokument ta' studenti jew żgħażagħ rikonoxxuti fuq bażi internazzjonali" tfisser dawk il-persuni li jippreżentaw l-International Student Indentification Card (ISIC), jew il-Euro 26, jew membri ta' l-Għaqda Internazzjonali tal-Mużewijiet (ICOM) u membri tal-Kumitat Internazzjonali tal-Monumenti u Siti (ICOMOS).

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet;

"mużewijiet, siti u kollezzjonijiet" tfisser il-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet imniżżla fiz-żewġ Skedi li jinsabu mehmuża ma' dawn ir-regolamenti;

"Patrimonju Malta" tfisser l-Aġenzija Operattiva mwaqqfa skond l-artikolu 8 ta' l-Att.

Ħlas għad-dħul fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet.

3. (1) Għandha titħallas lira Maltija (Lm 1) lill-Patrimonju Malta minn kull persuna li għandha dsatax-il sena u iżjed, għad-dħul f'kull ġurnata tal-ġimgħa, inklużi s-Sibt u l-Ħadd, fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet kollha f'Malta u Għawdex minbarra dawk imsemmija fis-subregolamenti (2) u (3) ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda:

a) l-ebda ħlas m'huwa dovut għad-dħul f'mużewijiet, siti u kollezzjonijiet, minn persuni li għandhom inqas minn tnax-il sena;

b) persuni li għandhom sittin sena u iżjed, kif ukoll dawk il-persuni ta' bejn it-tnax u tmintax-il sena, biż-żewġ etajiet inklużi, għandhom iħallsu rata ta' ħlas imnaqqsa b'ħamsin fil-mija;

ċ) Patrimonju Malta tista' tawtorizza lill-persuni li huma studenti jew żgħażagħ, li huma identifikati bħala tali permezz ta' dokumenti ta' studenti jew żgħażagħ rikonoxxuti fuq bażi internazzjonali li jidħlu fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet bil-ħlas bir-rata msemmija fil-paragrafu (b) ta' dan il-proviso;

d) Patrimonju Malta tista' toħroġ biljetti ta' dħul fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet mingħajr ħlas lil:

i) gruppi organizzati ta' studenti li jattendu skola jew istituzzjoni edukattiva jew qegħdin isegwu programm ta' edukazzjoni informali oħra li jkunu mmexxija minn persuna responsabbli;

ii) gruppi organizzati ta' membri ta' għaqdiet u organizzazzjonijiet xjentifiċi jew kulturali;

e) il-Ministru jista' jawtorizza dħul mingħajr ħlas fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet għal raġunijiet ta' studju xjentifiku, riċerka jew restawr.

(2) Il-ħlas għad-dħul fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, f'Raħal Ġdid, għandu jkun kif ġej:

a) ħlas ta' tlett liri (Lm 3) għal kull persuna ta' dsatax-il sena u fuqhom,

b) ħlas ta' lira u ħamsin ċenteżmu (Lm 1.50) għal kull persuna bejn tnax u tmintax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi, kif ukoll għall-persuni li għandhom sittin sena u fuqhom,

ċ) ħlas ta' lira (Lm 1) għal kull tifel jew tifla li għandhom inqas minn tnax-il sena:

Iżda Patrimonju Malta tista' tawtorizza lill-persuni li huma studenti jew żgħażagħ, li huma identifikati bħala tali permezz ta' dokumenti ta' studenti jew żgħażagħ rikonoxxuti fuq bażi internazzjonali, li jidħlu fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet bil-ħlas tar-rata msemmija f'paragrafu (b) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

(3) Patrimonju Malta għandha tiġbor il-ħlas għad-dħul fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet f'Għawdex kif ġej:

a) ħlas ta' lira u ħamsin ċenteżmu (Lm 1.50) għal kull persuna ta' iżjed minn tnax-il sena għad-dħul kemm fit-Tempji tal-Ġgantija kif ukoll fil-Mitħna Ta' Kola fix-Xagħra;

b) ħlas ta' lira u ħamsin ċenteżmu (Lm 1.50) għal kull persuna ta' iżjed minn tnax-il sena għad-dħul fil-mużewijiet kollha li jinsabu fi-Ċittadella tar-Rabat imsemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(4) Id-dħul fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet imsemmija fit-Tieni Skeda li tinsab ma'dawn ir-regolamenti jista' jsir biss permezz ta' appuntament ma' l-uffiċjali ta' Patrimonju Malta, flimkien mal-ħlas tal-prezz tad-dħul.

It-Tempji ta' Ħaġar Qim u Mnajdra.

4. Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, is-siti ta' patrimonju dinji tat-Tempji ta' Ħagar Qim u l-Imnajdra li jinsabu fil-Qrendi għandhom jiġu meqjusa bħala żewġ siti, u għalhekk għandu jsir ħlas għad-dħul f'kull wieħed minnhom separatament.

Ġbir ta' Ħlas.

5. Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, il-ħlasijiet imsemmija f'dawn ir-regolamenti għandhom jinġabru minn Patrimonju Malta waqt il-ħinijiet tal-ftuħ tal-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet kif stabbiliti minn Patrimonju Malta minn żmien għal żmien.

Biljetti għal gruppi.

6. (1) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti u skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Mużewijiet u Monumenti

Nazzjonali (Biljetti ta' Dħul Komplessivi), Patrimonju Malta tista' toħroġ biljetti għal gruppi b'rata ta' ħlas imnaqqsa għal dħul fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet kollha f'Malta u Għawdex, barra l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, f'Raħal Gdid, lil operaturi turistiċi liċenzjati li jkunu qed jorganizzaw gruppi ta' ħames persuni jew iżjed u li jkunu mmexxija minn gwida liċenzjata.

(2) Dawn il-biljetti għall-gruppi b'rata ta' ħlas imnaqqsa skond ma hemm imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom -

(a) jinxtraw qabel iż-żjara mill-uffiċju ċentrali ta' Patrimonju Malta;

(b) jitqassmu lil kull membru tal-grupp, li għandu jagħti l-mamma tal-biljett lill-uffiċjal inkarigat mill-mużew, sit jew kollezzjoni filwaqt li jżomm il-bqija tal-biljett waqt iż-żjara:

Iżda jekk għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx ippreżentata l-mamma tal-biljett lill-uffiċjal inkarigat, dan iwassal biex il-ħlas sħiħ taż-żjara f'dak is-sit minn dik il-persuna jsir dovut. F'dan il-każ, il-ħlas ikun dovut mingħand l-operatur turistiku liċenzjat jew mill-persuna li tkun qed tmexxi l-grupp, skond id-diskrezzjoni ta' Patrimonju Malta;

(ċ) jintitolaw lill-membri tal-grupp sabiex jidħlu fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet b'rata ta' ħlas imnaqqsa b'sittin fil-mija fuq kull biljett għal kull persuna bejn l-età ta' tnax-il sena u l-età ta' sittin sena.

Tnaqqis ta' tletin fil-mija.

7. Mill-1 ta' Mejju 2004 il-ħlas tad-dħul għall-biljetti tal-gruppi imsemmija f'regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti hawn fuq, għandu jkun b'rata ta' ħlas imnaqqsa bi tletin fil-mija fuq kull biljett għal kull persuna bejn l-età ta' tnax-il sena u l-età ta' sittin sena.

Għeluq tal-mużewijiet fil-btajjel pubbliċi.

8. Il-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet għandhom jinżammu magħluqa fil-btajjel pubbliċi kollha sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor minn Patrimonju Malta.

Iħassar A.L. 111 ta' l-1992.

9. Ir-Regolamenti ta' l-1992 dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali, huma b'dawn imħasra.

Iħassar A.L. 205 ta' l-2003.

10. Ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar id-Drttijiet tad-Dħul fil-Mużewijiet, Siti u Kollezzjonijiet, huma b'dan imħassra.

L-Ewwel Skeda

(Regolament 3)

Mużewijiet, Siti u Kollezzjonijiet

MALTA

Għar Dalam, Birżebbuġa
Ħaġar Qim, il-Qrendi
It-Tempji ta' l-Imnajdra, il-Qrendi
L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, Raħal Ġdid
Il-Palazz ta' l-Inkwiżitur, il-Birgu
Il-Mużew Marittimu ta' Malta, il-Birgu
Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeologija, il-Belt Valletta
Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, il-Belt Valletta
Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Istorja Naturali, l-Imdina
L-Armerija tal-Palazz, il-Belt Valletta
Id-Dar Rumana, ir-Rabat
Il-Katakombi ta' San Pawl, ir-Rabat
Il-Kmamar Statali u s-Sala ta' l-Arazzi, il-Palazz, il-Belt Valletta
It-Tempji ta' Ħal Tarxien
Il-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, il-Belt Valletta

GĦAWDEX

Il-Mużew ta' l-Arkeoloġija, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
Il-Mużew tal-Folklor, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
Il-Mużew tax-Xjenza Naturali, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
Il-Ħabs il-Qadim, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
It-Tempji tal-Ġgantija, ix-Xagħra
Il-Mitħna Ta' Kola, ix-Xagħra

It-Tieni Skeda

(Regolament 3)

Mużewijiet, Siti u Kollezzjonijiet (Dħul b'Appuntament)

Il-Banjijiet Rumani, fl-inħawi ta' l-Imġarr
San Pawl Milqi, Burmarrad
It-Tempji ta' Skorba, l-Imġarr
It-Tempji Ta' Ħaġrat, l-Imġarr
Il-Katakombi ta' Mintna, l-Imqabba
Il-Katakombi tas-Salina, in-Naxxar
Tas-Silġ, Marsaxlokk
Borġ in-Nadur, Birżebbuġa